

32004E0569

28.7.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 252/7

L-AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2004/569/PESK

tat-12 ta' Lulju 2004

dwar il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bożnja u Herzegovina u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2002/211/PESK

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

(5) Fis-17 ta' Novembru 2003 il-Kunsill adotta Linji Gwida dwar il-ħatra, il-mandat u l-iffinanzjar ta' l-EUSR,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Billi:

Artikolu 1

(1) Fil-11 ta' Marzu 2002 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2002/211/PESK li ħatret lil Lord Ashdown bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE fil-Bosnja u Herzegovina ⁽¹⁾ u l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK li stabbiliet il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jiġi żgurat is-segwitu tat-Taskforce Internazzjonali tal-Pulizija tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Bosnja u Herzegovina (BiH) mill-1 ta' Jannar 2003 ⁽²⁾.

Lord Ashdown għandu jkompli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) fil-Bosnja u Herzegovina (BiH), skond il-mandat hawn stabbilit.

Artikolu 2

(2) Fis-17-18 ta' Ġunju 2004 il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà: Politika Komprensiva għall-Bosnja u Herzegovina, li ssejjaħ *inter alia* għal konnessjonijiet espliċiti mar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) safejn ikunu konċernati strumenti tal-PESK/PESD fil-Bosnja u Herzegovina sabiex l-EUSR ikun jista' jgħin lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PSC) fl-assigurazzjoni ta' koerenza massima ta' l-isforz ta' l-UE.

Il-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ibbażat fuq l-għanijiet tal-politika ta' l-UE fil-BiH. Dawn jikkonċernaw l-iżjed il-progress sostnut fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Qafas Ġenerali għall-Paċi fil-Bosnja u Herzegovina, skond il-Pjan għall-Implimentazzjoni tal-Missjoni ta' l-Uffiċju tar-Rappreżentant Għoli, u fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, bil-għan ta' BiH stabbli, vijabbli, paċifika u multietnika, li tikkopera paċifikament mal-ġirien tagħha u li b'mod irriversibbli tkun fuq it-triq ta' sħubija sħiħa ma' l-UE.

Artikolu 3

(3) Fit-12 ta' Lulju 2004 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Herzegovina ⁽³⁾ li tindika rwol speċifiku għall-EUSR. Il-mandat tiegħu għandu jiġi hekk modifikat u l-Azzjoni Konġunta 2002/211/PESK għandha tiġi mħassra.

Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika ta' l-UE fil-BiH, il-mandat tal-EUSR għandu jkun li:

(4) L-EUSR għandu jimplementa l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tmur lura u li tista' tagħmel ħsara lill-għanijiet tal-PESK kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(a) joffri l-pariri u l-faċilitazzjoni ta' l-UE fil-proċess politiku;

(b) jippromwovi l-koordinazzjoni ġenerali tal-politika ta' l-UE fil-BiH, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Komunità;

⁽¹⁾ ĠU L 70, tat-13.3.2002, p. 7.

⁽²⁾ ĠU L 70, tat-13.3.2002, p. 1 Azzjoni Konġunta kif l-aħħar emendata mill-Azzjoni Konġunta 2003/188/PESK (ĠU L 73, tad-19.3.2003, p. 9)

⁽³⁾ Ara paġna 10 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(c) jipprovdi parir politiku lokali lill-Kmandant ta' l-EUFOR, inkluż fejn għandu x'jaqsam mal-kapaċità tat-tip ta' Unita ta' Pulizija Integrata, li minnha hu jista' jieħu, bi ftehim mal-Kmandant ta' l-EUFOR, mingħajr preġudizzju għall-linja ta' kmand;

(d) jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kordinazzjoni u l-koerenza interna ta' l-UE fil-BiH, inkluż permezz ta' laqgħat informattivi lill-Kapjiet tal-Missjoni ta' l-UE u permezz ta' parteċipazzjoni jew rappreżentazzjoni fil-laqgħat regolari tagħhom, billi jippresjedi grupp ta' koordinazzjoni kompost mill-atturi kollha ta' l-UE preżenti fuq il-post bil-għan tal-koordinazzjoni ta' l-aspetti implimentattivi ta' l-azzjoni ta' l-UE, u billi jipprovdihom gwida dwar relazzjonijiet ma' l-awtoritajiet tal-BiH;

Artikolu 5

Ir-rwol ta' l-EUSR ma għandhux bl-ebda mod jippreġudika l-mandat tar-Rappreżentant Għoli fil-Bosnja u Herzegovina, inkluż ir-rwol ta' koordinazzjoni tiegħu fir-rigward ta' l-attivitajiet kollha ta' l-organizzazzjonijiet u aġenziji ċivili kollha kif stabbilit fil-GFAP u konklużjonijiet u dikjarazzjonijiet sussegwenti tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Paċi.

(e) jiżgura konsistenza u koerenza lejn il-pubbliku, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Komunità. Il-kelliem għall-EUSR ikun il-punt ta' kuntatt prinċipali ta' l-UE għall-medja tal- BiH dwar kwestjonijiet tal-PESK/PESD;

Artikolu 6

(f) iżomm ħarsa ġenerali fuq il-firxa kollha ta' l-attivitajiet fil-qasam ta' l-Istat tad-Dritt u f'dan il-kuntest jipprovdi parir lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni kif meħtieġ;

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata mal-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ta' EUR 200 000.

(g) bħala parti mir-responsabbiltajiet usa tiegħu, ikollu l-awtorità li jagħti direzzjoni, kif meħtieġ, lill-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea;

2. L-ispiża ifffinanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata skond il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni li kwalunkwe prefinanzjament ma għandux jibqa' l-proprietà tal-Komunità. Ċittadini tal-pajjiżi li jospitaw u għien jistgħu jipparteċipaw f'seħħiet għall-offerti ta' kuntratti bl-appalt.

(h) safejn l-attivitajiet tal-Komunità u l-attivitajiet taħt it-Titolu VI tat-TUE, inkluż l-Europol, huma konċernati, jipprovdi pariri, kif xieraq, u jieħu sehem fil-koordinazzjoni lokali meħtieġa;

3. L-amministrazzjoni ta' l-infiq għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn l-EUSR u l-Kummissjoni.

(i) bil-għan li jiggarantixxi koerenza u joħloq sinerġiji possibbli, ikompli jiġi kkonsultat dwar prijoritajiet għall-Għajnuna Komunitarja għar-Rikostruzzjoni, l-Iżvilupp u l-Istabilizzazzjoni.

4. Il-Presidenza, il-Kummissjoni, u/jew Stati Membri, kif xieraq, għandhom jagħtu sostenn loġistiku fir-reġjun.

5. L-infiq għandu jkun eliġibbli sa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta.

Artikolu 4

1. L-EUSR għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-mandat waqt li jaġixxi taħt l-awtorità u skond id-direzzjoni operattiva tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli. L-EUSR għandu jagħti kont ta' kull infiq lill-Kummissjoni.

2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PSC) għandu jżomm kuntatt privileġġat mal-EUSR u għandu jkun il-punt ewlieni ta' kuntatt mal-Kunsill. Il-PSC għandu jipprovdi gwida strateġika u kontribut politiku lill-EUSR fil-qafas tal-mandat.

Artikolu 7

1. Persunal dedikat ta' l-UE li juri identità ta' l-UE għandu jiġi assenjat biex jgħin lill-EUSR jimplementa l-mandat tiegħu u jikkontribwixxi għall-koerenza, viżibilità u effettività ta' l-azzjoni ġenerali ta' l-UE fil-BiH, b'mod partikolari fl-affarijiet politiċi, politiko-militari u ta' sigurtà, u fir-rigward ta' relazzjonijiet ta' komunikazzjoni u medja. Fil-limiti tal-mandat tiegħu u l-mezzi finanzjarji korrispondenti li jkunu disponibbli, l-EUSR għandu jkun responsabbli għall-istabbiliment tat-tijm tiegħu b'konsultazzjoni mal-Presidenza, assistit mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, u f'assoċjazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni. L-EUSR għandu jinforma l-Presidenza u l-Kummissjoni dwar il-komposizzjoni finali tat-tijm tiegħu.

2. L-Istati Membri ta' l-UE u l-istituzzjonijiet jistgħu jipproponu sekondar ta' persunal sabiex jaħdem ma' l-EUSR. Il-ħlas ta' persunal li jista' jiġi sekondar minn Stat Membru ta' l-UE jew minn Istituzzjoni għal mal-EUSR għandu jkun kopert mill-Istat Membru jew mill-Istituzzjoni kkonċernata rispettivament.

3. Il-karigi kollha tat-tip A li ma jimtlewx permezz ta' sekondament għandhom jiġu publiċizzati kif xieraq mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u jiġu notifikati wkoll lill-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet sabiex jinħatru l-applikanti bl-aħjar kwalifiki.

4. Il-privileġġi, l-immunitajiet u l-garanziji oħra meħtieġa għat-tlestija u l-funzjonament bla xkiel tal-missjoni ta' l-EUSR u l-membri tal-persunal tiegħu għandhom jiġu stabbiliti mal-partijiet. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu is-sostenn kollu meħtieġ għal dan l-iskop.

Artikolu 8

Bħala regola, l-EUSR għandu jirrapporta personalment lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u lill-PSC u jista' jirrapporta wkoll lill-grupp ta' ħidma rilevanti. Rapporti regolari bil-miktub għandhom jiġu ċirkolati lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. L-EUSR jista' jirrapporta lill-Kunsill fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u l-PSC.

Artikolu 9

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-azzjoni esterna ta' l-UE, l-attivitajiet ta' l-EUSR għandhom ikunu kkoordinati ma' daww tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, tal-Presidenza u tal-Kummissjoni. L-EUSR għandu jipprovdi laqgħat informattivi fuq bażi regolari lill-missjonijiet ta' l-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni. F'dan il-qasam, għandha tinżamm kollaborazzjoni mill-qrib mal-Presidenza, l-Kummissjoni u l-Kapijiet tal-Missjoni li għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jgħinu lill-EUSR fl-implimentazzjoni tal-mandat. L-EUSR għandu wkoll jikkopera ma' atturi internazzjonali u reġjonali oħrajn fil-qasam, inkluż, *inter alia*, l-OSCE.

Artikolu 10

L-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħra ta' l-UE lir-reġjun għandhom jiġu riveduti regolarment. L-EUSR għandu jippreżenta rapport komprensiv bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tal-mandat lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma jiskadi l-mandat. Dan ir-Rapport għandu jservi ta' bażi għal stima ta' din l-Azzjoni Konġunta fil-gruppi ta' ħidma rilevanti u mill-PSC. Fil-kuntest tal-prijoritajiet ġenerali għall-insedjament, is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-PSC dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid, l-emenda jew it-tmiem tal-mandat.

Artikolu 11

L-Azzjoni Konġunta 2002/211/PESK hija hawn imħassra.

Artikolu 12

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika sat-28 ta' Frar 2005.

Artikolu 13

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, nhar it-12 ta' Lulju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. BOT